Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,382, 3 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 132 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2020 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2017 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2020 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2017 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2017 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 30 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu, 2020 u 'l quddiem.

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju mgħallma jitħallew joqogħdu għal valutazzjoni mill-ġdid darba biss. Il-valutazzjoni mill-ġdid għandha ssir fis-sessjoni tal-eżamijiet skedata li jmiss (Mejju jew Settembru) skont il-każ, sakemm li meta ma jkunx possibbli jew prattiku li t-taqsima studju jkollha valutazzjoni mill-ġdid fl-istess sena akkademika, l-istudenti jridu jirreferu t-taqsima studju li jkunu fallew għas-sena ta' wara. Il-kundizzjonijiet biex jerġa' jkun hemm valutazzjoni oħra ta'

taqsimiet studju bħal dawn għandhom ikunu indikati fid-deskrizzjoni tat-taqsima studju partikolari. Il-marka/grad massimu li jista' jingħata wara valutazzjoni mill-ġdid huwa 45%/Grad E."

4. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (3) tar-regolament 8 regolamenti prinċipali:

"(4) L-istudenti jeħlu mid-dissertazzjoni jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid skont ir-regolament 12. Il-marka/grad massimu li jista' jingħata wara valutazzjoni mill-ġdid huwa 50%/Grad D."

5. Il-paragrafi (4) sa (6) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (5) sa (7).